| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Kontribuzzjonijiet oħra u restituzzjonijiet magħmulha— Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 451 438 669,18 | |
| 6 6 0 1 | Kontribuzzjonijiet oħra u rifużjonijiet assenjati | 60 000 000 | 50 000 000 | 114 183 916,32 | 190,31 % |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | 60 000 000 | 50 000 000 | 565 622 585,50 | 942,70 % |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **60 000 000** | **50 000 000** | **565 622 585,50** | **942,70 %** |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Kontribuzzjonijiet oħra u restituzzjonijiet magħmulha— Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 451 438 669,18 |

*Kummenti*

Dan il-punt huwa maħsub biex jakkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhrix f’partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jagħti approprjazzjonijiet addizjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun maħsub.

| | |
|---|---|
| il-Parlament | p.m. |
| il-Kunsill | p.m. |

| | |
|---|---|
| il-Kummissjoni | p.m. |
| Ombudsman | p.m. |
| Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | p.m. |
| Total | p.m. |

## Partita 6 6 0 1 — Kontribuzzjonijiet oħra u rifużjonijiet assenjati

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 60 000 000 | 50 000 000 | 114 183 916,32 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex takkomoda kull dħul li m'hemmx dispożizzjoni għalih f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li m'hux użat skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

| | |
|---|---|
| il-Parlament | p.m. |
| il-Kummissjoni | 60 000 000 |
| Total | 60 000 000 |

# Kapitolu 6 7 — dħul li jirrigwarda l-fond ewropew ta' garanzija għall-agrikoltura u l-fond agrikolu ewropew għall-iżvilupp rurali

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 7 | dħul li jirrigwarda l-fond ewropew ta' garanzija għall-agrikoltura u l-fond agrikolu ewropew għall-iżvilupp rurali | | | | |
| ***6 7 0*** | ***Dħul li jirrigwarda l-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura*** | | | | |
| 6 7 0 1 | Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 467 339 394,15 | |
| 6 7 0 2 | Irregolaritajiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura — Dħul Assenjat | p.m. | p.m. | 177 592 514,88 | |
| 6 7 0 3 | Imposta speċjali mill-produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 21 894 709,96 | |
| | *Artikolu 6 7 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 666 826 618,99 | |
| ***6 7 1*** | ***Dħul li jirrigwarda il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*** | | | | |
| 6 7 1 1 | Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 30 544 547,82 | |
| 6 7 1 2 | Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul Assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 6 7 1 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 30 544 547,82 | |
| | **Kapitolu 6 7 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **697 371 166,81** | |

## *Artikolu 6 7 0 — Dħul li jirrigwarda l-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura*

## Partita 6 7 0 1 — Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 467 339 394,15 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda id-dħul li jkun ġej minn deċiżjonijiet ta' konformità għall-approvazzjoni ta' kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni dwar in-nefqa ffinanzjata permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (Taqsima tal-Garanziji) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji mill-2000 sal-2006 u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet li japprovaw il-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni dwar dħul irreġistrat u assenjat marbut magħha minbarra dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Dan il-partita hija maħsuba wkoll biex takkomoda dħul li ġej minn deċiżjonijiet ta' konformità għall-approvazzjoni tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċerna n-nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 li jintemm fit-30 ta' Settembru 2012. Hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jiġu minn deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni dwar dħul assenjat irreġistrat marbut mal-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor minbarra dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 16 u l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Skont l-Artikoli 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul finanzjarju taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kull partita baġitarja taħt l-EAGF tad-dikjarazzjoni ta' nfiq fit-Taqsima III "Kummissjoni"..

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li hu EUR 400,000,000.

Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2013, dan l-ammont kien ikkunsidrat għall-iffinanzjar tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 02 08.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

## Partita 6 7 0 2 — Irregolaritajiet tal-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura — Dħul Assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 177 592 514,88 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenzi, inkluż l-imgħax relatat, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, penali u interessi rċevuti kif ukoll garanziji mitlufa, li jirriżultaw minn infiq iffinanzjat mill-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija għall-Agrikoltura (it-taqsima dwar il-Garanzija) taħt l-Intestatura 1 tal-Perspettivi Finanzjarji 2000 sal-2006 u l-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura (EAGF). Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif previst fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Din tinkludi wkoll l-ammonti rkuprati li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet ta' rilaxx fl-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) ta' dak ir-Regolament.

Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkomoda l-ammonti miġbura wara irregolaritajiet jew żbalji li jinkludu interessi, penali u titoli akkwistati, bħala riżultat ta' nefqa ffinanzjata mill-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) fil-Komunità stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 320/2006, li jintemm fit-30 ta' Settembru 2012. Din il-partita hi maħsuba wkoll biex takkamoda wkoll l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif stipulat fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Hija tinkludi wkoll l-ammonti rkuprati li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet ta' rilaxx fl-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) ta' dak ir-Regolament.

Skont l-Artikoli 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul finanzjarju taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kull partita baġitarja taħt l-EAGF tad-dikjarazzjoni ta' nfiq fit-Taqsima III "Kummissjoni".

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li hu EUR 166,000,000.

Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2013, dan l-ammont ittieħed f'konsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta’ Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

### Partita 6 7 0 3 — *Imposta* speċjali mill-produtturi tal-ħalib — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 21 894 709,96 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex takkomoda l-ammonti miġbura jew irkuprati skont ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003 u l-Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Skont l-Artikoli 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul finanzjarju taħt din il-partita se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kull partita baġitarja taħt il-Fond Ewropew ta' Garanzija għall-Agrikoltura tad-dikjarazzjoni ta' nfiq fit-Taqsima III “Kummissjoni”.

Id-dħul taħt din il-partita ġie stmat li hu EUR 119,000,000.

Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2013, dan l-ammont ittieħed f'konsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

## *Artikolu 6 7 1 — Dħul li jirrigwarda il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*

### Partita 6 7 1 1 — Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 30 544 547,82 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba sabiex ikunu akkomodati ammonti li jirriżultaw mill-approvazzjoni tal-konformità ta’ kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Huwa maħsub ukoll li jkunu akkomodati ammonti li jirriżultaw mill-approvazzjoni tal-kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jistgħu jitqiesu bħala dħul assenjat. L-ammonti marbuta mar-Rimborż ta’ ħlasijiet fuq il-kont taħt l-FAEŻR huma wkoll irreġistrati f’din il-partita.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul taħt din il-partita għandu jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kull partita baġitarja taħt l-EAFRD.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2013, ebda ammont speċifiku ma ġie mmarkat għall-Artikolu 05 04 05.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

### Partita 6 7 1 2 — Irregolaritajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali — Dħul Assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex takkomoda ammonti rkuprati wara irregolaritajiet jew negliġenza, inkluż l-imgħax relatat, b'mod partikolari ammonti rkuprati f'każijiet ta' irregolaritajiet jew frodi, multi u imgħax irċevuti kif ukoll garanziji mitlufa fil-kuntest ta' żvilupp rurali iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul taħt din il-partita għandu jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għal kull partita baġitarja taħt l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Meta ġie stabbilit il-baġit għall-2013, ebda ammont speċifiku ma ġie mmarkat għall-Artikolu 05 04 05.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

## KAPITOLU 6 8 — AMMONTI TEMPORANJI GĦAR-RISTRUTTURAR

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 8 | Ammonti temporanji għar-ristrutturar | | | | |
| ***6 8 0*** | ***Ammonti temporanji għar-ristrutturar — Dħul assenjat*** | | | | |
| 6 8 0 1 | Ammonti temporanji għar-ristrutturar — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 8 0 2 | Irregolaritajiet li jikkonċernaw il-fond temporanju għar-ristrutturar — Dħul assenjat | — | p.m. | 4 782,60 | |
| 6 8 0 3 | Approvazzjoni rigward il-fond temporanju għar-ristrutturar — dħul assenjat | — | p.m. | 2 530,50 | |
| | *Artikolu 6 8 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 7 313,10 | |
| | **Kapitolu 6 8 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **7 313,10** | |

## *Artikolu 6 8 0 — Ammonti temporanji għar-ristrutturar — Dħul assenjat*

### Partita 6 8 0 1 — Ammonti temporanji għar-ristrutturar — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda l-ammonti temporanji ta' ristrutturar fis-settur taz-zokkor tal-Unjoni kif imfisser fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, l-ammonti bbukkjati f'din il-partita kienu użati biex jipprovdu approprjazzjonijiet għall-Artikolu 05 02 16 "Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor" tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'Taqsima III "Il-Kummissjoni" biex tkun iffinanzjata l-għajnuna ta' ristrutturar u għajnuniet oħra stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Dan il-fond temporanju għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità ntemm fit-30 ta' Settembru 2012. Konsegwentement, l-ebda nfiq taħt l-iskema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor ma jista' jseħħ u l-ebda ammonti temporanji għar-ristrutturar ma jistgħu jinġabru fl-2013. Il-bilanċ li jifdal fil-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor għandu jiġi assenjat lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006. Il-partiti kollha tal-baġit relatati ma' dan il-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor ingħaqdu mal-partiti korrispondenti tal-FAEG. Il-partita tal-baġit 6801 qed tinżamm temporanjament għal raġunijiet ta' trasparenza biex tispjega l-użu tal-bilanċ li jifdal mill-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor.

Il-bilanċ li jifdal mill-Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor ġie stmat għal EUR 647 800 000.

Meta kien qed jiġi stabbilit il-baġit għall-2013, dan l-ammont ittieħed f'konsiderazzjoni għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' miżuri taħt l-Artikolu 05 03 01.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

### Partita 6 8 0 2 — Irregolaritajiet li jikkonċernaw il-fond temporanju għar-ristrutturar — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 4 782,60 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex takkomoda l-ammonti miġbura wara irregolaritajiet jew żbalji li jinkludu interessi, penali u titoli akkwistati, bħala riżultat ta' nefqa ffinanzjata mill-fond temporanju għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006. Din il-partita hija maħsuba li takkamoda wkoll l-ammonti netti rkuprati li għalihom l-Istati Membri jistgħu jżommu 20 % kif previst fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Hija tinkludi wkoll l-ammonti rkuprati li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet ta' rilaxx f'applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) ta' dak ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju,kull dħul riżervat f'din il-partita għandu jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-Artikolu 05 02 16 (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III "Kummissjoni" għall-finanzjament ta' għajnuna għar-ristrutturar u miżuri oħra ta' għajnuna pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 320/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta’ Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

### Partita 6 8 0 3 — Approvazzjoni rigward il-fond temporanju għar-ristrutturar — dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 2 530,50 |

*Kummenti*

Dan il-punt huwa maħsub li jakkomoda dħul li ġej minn deċiżjonijiet ta' konformità ta' likwidazzjoni ta' kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni li jikkonċerna n-nefqa ffinanzjata mil-fond temporanju għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 320/2006. Hija maħsuba wkoll biex takkomoda ammonti li jiġu minn approvazzjoni ta’ deċiżjonijiet ta' kontijiet favur il-baġit tal-Unjoni dwar dħul assenjat reġistrat marbut mal-Fond tar-Ristrutturar taz-Zokkor minbarra dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 16 u l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

Skont l-Artikolu 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju,kull dħul riżervat f'din il-partita għandu jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-Artikolu 05 02 16 (Fond għar-Ristrutturar taz-Zokkor) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa fit-Taqsima III “Kummissjoni” għall-finanzjament ta' għajnuna għar-ristrutturar u miżuri oħra ta' għajnuna pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 320/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta’ Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

# TITOLU 7 — INTERESSI FUQ ARRETRATI U MULTI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 7 0 | Interessi fuq arretrati | 23 000 000 | 23 000 000 | 364 164 839,40 |
| 7 1 | MULTI | 100 000 000 | 100 000 000 | 818 703 426,82 |
| 7 2 | Interessi fuq depożiti u multi | p.m. | p.m. | 0,— |
| | **Titolu 7 — Total** | **123 000 000** | **123 000 000** | **1 182 868 266,22** |

## KAPITOLU 7 0 — INTERESSI FUQ ARRETRATI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 0 | Interessi fuq arretrati | | | | |
| ***7 0 0*** | ***Interessi fuq arretrati*** | | | | |
| 7 0 0 0 | Interessi dovuti fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri | 5 000 000 | 5 000 000 | 311 679 410,22 | 6233,59 % |
| 7 0 0 1 | Interessi oħra fuq arretrati | 3 000 000 | 3 000 000 | 845 278,98 | 28,18 % |
| | *Artikolu 7 0 0 — Sub-total* | 8 000 000 | 8 000 000 | 312 524 689,20 | 3906,56 % |
| ***7 0 1*** | ***Interessi tard u interessi fuq l-emendi*** | 15 000 000 | 15 000 000 | 51 640 150,20 | 344,27 % |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Kapitolu 7 0 — Total** | **23 000 000** | **23 000 000** | **364 164 839,40** | **1583,33 %** |

## *Artikolu 7 0 0 — Interessi fuq arretrati*

### Partita 7 0 0 0 — Interessi dovuti fuq arretrati fil-kontijiet miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 000 000 | 5 000 000 | 311 679 410,22 |

*Kummenti*

Kwalunkwe dewmien minn Stat Membru biex jagħmel l-entratura fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni, imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 jagħti lok għall-ħlas tal-imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-Euro, ir-rata tal-interessi għandha tkun daqs ir-rata kif pubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew applika għall-operazzjonijiet tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, fl-ewwel jum tax-xahar li fih ħabtet id-data dovuta, miżjuda b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tkun miżjuda bi 0.25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

Fil-każ ta' Stati Membri li l-munita tagħhom mhix l-Euro, ir-rata għandha tkun daqs ir-rata applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni mill-banek ċentrali għall-operazzjonijiet prinċipali tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'żewġ punti perċentwali, jew, għall-Istati Membri li għalihom ir-rata tal-Bank Ċentrali mhix disponibbli, l-iktar rata ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar in kwistjoni fis-suq tal-flus tal-Istat Membru, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tkun miżjuda b'0.25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata biż-żieda għandha tiġi applikata għall-perjodu kollu tad-dewmien.

Ir-rata tal-interess tapplika għal kull entrata tar-riżorsi proprji enumerata taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

| | |
|---|---|
| il-Kunsill | p.m. |
| il-Kummissjoni | 5 000 000 |
| Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | p.m. |
| Total | 5 000 000 |

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(4) tiegħu.

### Partita 7 0 0 1 — Interessi oħra fuq arretrati

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 000 000 | 3 000 000 | 845 278,98 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba li tiċievi imgħax fuq ħlas tard ta' drittijiet li ma jinkludux ir-riżorsi proprji.

| | |
|---|---|
| il-Kummissjoni | 3 000 000 |
| Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | p.m. |
| Totali | 3 000 000 |

*Bażi ġuridika*

Ftehima dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5) tal-Protokoll 32 tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(4) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għat-twettiq tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 357, 31. 12. 2002, p 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2007, p. 25), u b'mod partikolari l-Artikolu 102 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006 p. 1).

## *Artikolu 7 0 1 — Interessi tard u interessi fuq l-emendi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 15 000 000 | 15 000 000 | 51 640 150,20 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub li jirċievi l-imgħax dovut fuq il-kontijiet speċjali għal multi u l-imgħax fuq il-ħlasijiet li jsiru tard marbuta mal-multi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(4) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.01.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għat-twettiq tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 357, 31. 12. 2002, p 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonjiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

# KAPITOLU 7 1 — MULTI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 1 | MULTI | | | | |
| ***7 1 0*** | ***Multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali u penali oħra*** | 100 000 000 | 100 000 000 | 815 703 426,82 | 815,70 % |
| ***7 1 1*** | ***Primjums fuq l-emissjonijiet żejda għall-karozzi tal-passiġġieri*** | p.m. | | | |
| ***7 1 2*** | ***Ħlasijiet ta' penali u ħlasijiet f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba non- osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewwropea fuq in-nuqqas tiegħu li jissodissfa obbligu taħt it-Trattat*** | p.m. | p.m. | 3 000 000,00 | |
| | **Kapitolu 7 1 — Total** | **100 000 000** | **100 000 000** | **818 703 426,82** | **818,70 %** |

## *Artikolu 7 1 0 — Multi, ħlasijiet perjodiċi ta’ penali u penali oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 100 000 000 | 100 000 000 | 815 703 426,82 |

*Kummenti*

Il-Kummissjoni tista’ timponi multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali u penali oħra fuq l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi għaliex ma jkunux jkunux qed jirrispettaw il-projbizzjonijiet jew iwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti taħt jew fuq l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Normalment il-multi għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tiġborx l-ammont dovut meta l-impriża tkun ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; l-impriża għandha taċċetta li jrid jitħallas l-imgħax fuq id-dejn wara d-data finali tal-ħlas u l-Kummissjoni tkun ipprovduta b'garanzija bankarja li tkopri kemm il-kapital prinċipali tad-dejn kif ukoll l-imgħax jew sopramposti sad-data finali tal-ħlas.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 04.01.2003, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta’ Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għat-twettiq tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 357, 31. 12. 2002, p 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 24, 29.01.2004, p. 1) u b’mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu.

## *Artikolu 7 1 1 — Primjums fuq l-emissjonijiet żejda għall-karozzi tal-passiġġieri*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kwalunkwe primjum għall-emissjonijiet żejda impost mill-Kummissjoni.

L-għan tar-Regolament (KE) No 443/2009 huwa li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni, għan li jifforma parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

Madankollu, fir-rigward ta’ kull sena kalendarja mill-2012 ’il quddiem li għaliha l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ ta' manifattur jaqbżu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi f'dik is-sena, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet żejda fuq il-manifattur, jew fil-każ ta' għaqda, il-maniġer tal-għaqda.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/100/UE tas-17 ta’ Frar 2012 dwar metodu għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet żejda ta’ $CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 71).

### *Artikolu 7 1 2 — Ħlasijiet ta' penali u ħlasijiet f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba non-osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewwropea fuq in-nuqqas tiegħu li jissodissfa obbligu taħt it-Trattat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 3 000 000,00 |

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 260(2) tiegħu.

## Kapitolu 7 2 — Interessi fuq depożiti u multi

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 2 | Interessi fuq depożiti u multi | | | | |
| ***7 2 0*** | ***Interessi fuq depożiti u multi*** | | | | |
| 7 2 0 0 | Interessi fuq id-depożiti u l-multi relatati mat-twettiq tal-proċedura rigward id-defiċit eċċessiv — riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 7 2 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 7 2 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | |

### *Artikolu 7 2 0 — Interessi fuq depożiti u multi*

#### Partita 7 2 0 0 — Interessi fuq id-depożiti u l-multi relatati mat-twettiq tal-proċedura rigward id-defiċit eċċessiv — riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Id-dħul mill-imgħax fuq depożiti u multi li jirriżultaw minn implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

Skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kkunsidrat bħala dħul assenjat u jagħti lok għad-dħul ta' appropriazzjonijiet addizzjonali li jikkorrispondu man-nefqa inizjali li tagħti lok għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu.

# Titolu 8 — Operazzjonijiet ta' Self u Tislif

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 8 0 | DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' SELF U TISLIF FL-ISTATI MEMBRI | p.m. | p.m. | 0,— |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8 1 | SELF KONĊESS MILL-KUMMISSJONI | p.m. | p.m. | 0,— |
| 8 2 | DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' SELF U TISLIF FAVUR PAJJIŻI TERZI | p.m. | p.m. | 0,— |
| 8 3 | DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF KONĊESS MINN STABBILIMENTI FINANZJARJI F'PAJJIŻI TERZI | p.m. | p.m. | 0,— |
| 8 5 | DĦUL MINN KONTRIBUZZJONIJIET MINN KORPI TA' GARANZIJA | 4 296 000 | 384 000 | 858 312,00 |
| | **Titolu 8 — Total** | **4 296 000** | **384 000** | **858 312,00** |

# Kapitolu 8 0 — DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' SELF U TISLIF FL-ISTATI MEMBRI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 0 | DĦUL LI JIRRIŻULTA MILL-GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' SELF U TISLIF FL-ISTATI MEMBRI | | | | |
| ***8 0 0*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud sabiex jikkontribwixxi għall-bilanċ tal-ħlasijiet*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***8 0 1*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self meħud għall-Euratom*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***8 0 2*** | ***Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 8 0 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | |

## *Artikolu 8 0 0 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud sabiex jikkontribwixxi għall-bilanċ tal-ħlasijiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self meħud fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont f'kapital ta' self li mbgħad jista' jingħata lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Dan l-artikolu huwa intiż sabiex jirreġistra kull dħul li jirriżulta mill-eżerċizzju ta' drittijiet li għandhom x'jaqsmu mal-garanzija skont Partita 01 04 01 01 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa tat-taqsima III "Kummissjoni" kemm-il darba dan id-dħul ma ġiex imnaqqas mill-infiq.

Ġabra fil-qosor tal-operazzjonijiet ta' self jew tislif, ikluża l-amministrazzjoni tad-dejn, f'kapital u interessi, hi mogħtija fl-Anness Parti II tat-Taqsima III.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi appoġġ finanzjarju għaż-żmien meżżan għall-bilanċji tal-pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

## *Artikolu 8 0 1 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self meħud għall-Euratom*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa intiż biex jirrekordja kwalunkwe dħul li jkun ġej mit-tħaddim tad-drittijiet li għandhom x'jaqsmu ma' garanzija taħt Partita 01 04 01 02 tad-dikjarazzjoni tal-infiq f' taqsima III "Kummissjoni"dejjem jekk dan id-dħul ma ġiex imnaqqas mill-ispiża.

Ġabra fil-qosor tal-operazzjonijiet ta' self jew tislif, ikluża l-amministrazzjoni tad-dejn, f'kapital u interessi, hi mogħtija fl-Anness Parti II tat-Taqsima III.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom għall-iskop li jkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power station* nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/271/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom għall-iskop li jkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power station* nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/29/Euratom tal-20 ta' Diċembru 1979 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom għall-iskop li jkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power station* nukleari (ĠU L 12, 17.1.1980, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/170/Euratom tal-15 ta' Marzu 1982 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-ammont totali ta' self tal-Euratom li l-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tikkuntratta għall-iskop li tkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power stations* nukleari (ĠU L 78, tal-24.3.1982, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/537/Euratom tal-5 ta' Diċembru 1985 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-ammont totali ta' self tal-Euratom li l-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tikkuntratta għall-iskop li tkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power stations* nukleari (ĠU L 334, 12.12.1985, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/212/Euratom tat-23 ta' April 1990 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex toħroġ self tal-Euratom għall-iskop li jkun ta' kontribut għall-iffinanzjar ta' *power stations* nukleari (ĠU L 112, 3.5.1990, p. 26).

## *Artikolu 8 0 2 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni meħud biex tingħata assistenza finanzjarja taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni hija għal self li sar fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont pendenti ta' self jew ta' linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lill-Istati Membri għandhom ikunu fil-limiti previsti fil-bażi legali.

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra kull dħul li jkun ġej mill-eżerċitar ta' drittijiet fir-rigward ta' garanzija skont il-Partita 01 04 01 03, sakemm dan id-dħul ma jkunx tnaqqas min-nefqa.

Ġabra fil-qosor tal-operazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self, fosthom tal-ġestjoni tad-dejn, f'kapital u imgħax, jinsab fil-Parti II tal-Anness tat-Taqsima III "Kummissjoni".

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni

finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (2011/77/UE) tas-7 ta’ Diċembru 2010 dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 030, 04.02.2011, p. 34).

Deċiżjoni tal-Kunsill (2011/344/EU) li timplimenta d-Deċiżjoni tat- 30 ta’ Mejju 2011 dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159 of 17.6.2011, p. 88).

Deċiżjoni tal-Kunsill (2011/682/EU) li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p.31).

Deċiżjoni tal-Kunsill (2011/683/EU) li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portuga (ĠU L 269, 14.10.2011, p.32).

## KAPITOLU 8 1 — SELF KONĊESS MILL-KUMMISSJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 1 | SELF KONĊESS MILL-KUMMISSJONI | | | | |
| ***8 1 0*** | ***Ħlasijiet lura kapitali u interessi għal dak li jirrigwarda self speċjali u kapital ta’ riskju konċess fil-qafas ta’ koperazzjoni finanzjarja ma’ pajjiżi terzi Mediterranji*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***8 1 3*** | ***Ħlasijiet lura kapitali u interessi għal dak li jirrigwarda self u kapital ta’ riskju konċess mill-Kummissjoni lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina, l-Asja, ir-reġjun Mediterranju u l-Afrika t’Isfel skont l-operazzjoni tal-Ishab ta’ Investment tal-Unjoni Ewropea*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 8 1 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **0,—** | |

### *Artikolu 8 1 0 — Ħlasijiet lura kapitali u interessi għal dak li jirrigwarda self speċjali u kapital ta’ riskju konċess fil-qafas ta’ koperazzjoni finanzjarja ma’ pajjiżi terzi Mediterranji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra ħlas lura ta' kapital u ħlas ta' imgħaxijiet fuq self speċjali u kapital ta' riskju mogħtija mill-approprijazzjonijiet fil-Kapitoli 22 02 u 19 08 tad-Dikjarazzjoni ta' nfiq fit-taqsima III "Kummissjoni" għal pajjiżi terzi Mediterranji.

